**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 91/2016 JVC**

**Frankie Calleja**

**vs**

**L-Awtorita` tal-Ippjanar u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Frankie Calleja kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi huwa kien applika ghal permess sabiex jissanzjona zvilupp ta' dar maghrufa bhala 'Gallina House', Bingemma limiti ta' l-Imgarr, Malta liema permess igib in-numru 1221/05 eventwalment gie mahrug lill-appellant fis-26 ta' Awissu 2013 imma inzdied il-kondizzjoni li:

*"The residential occupation of the property shall be limited to: an arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working or last working before retirement in the locality or a widow or widower of such person and to any resident dependants."*

Kopa ta' dan il-permess hija hawn mehmuza u markata Dokument 'A';

2. Illi l-kundizzjoni fuq premessa giet imposta wara li l-permess de quo ghadda minn diversi proceduri:

a. Inizjalment, qabel ma inhareg permess lir-rikorrent, l-Awtorita imponiet kondizzjoni u dikjarat li ma kenitx ha tohrog permess qabel ma r-rikorrenti jidhol f'obbligu legali dwar min seta jkun sid tal-istess fond, u cioe:

   *"Before the issuing of the permit the applicant will be required to enter into a planning obligation to tie the ownership and occupation of the dwelling to that of the farm as specified in Condition no. 1 above, so that the residential building is only sold/leased or transferred to a registered full time farmer in conjunction with the cultivated arable land as identified at the time of the issue of the permit for such dwelling and, in that case, the farm continues in operation";*

b. Ir-rikorrent kien appella minn dik il-kondizzjoni imposta, u eventwalment b'decizjoni tas-16 ta' Marzu, 2012, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjannar **sab li dik il-kondizzjoni imposta kienet nulla u bla effett**. Kopja tad-decizjoni hija hawn annessa u markata dokument B.

c. Minn dik id-decizjoni l-Awtorita appellat; liema appell gie michud permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) tal-20 ta' Gunju, 2013, fl-ismijiet: 'Frank Calleja vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar' kopja ta' liema hija hawn annessa u markata Dokument C;

d. Illi nonostante din id-decizjoni, cara, tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjannar u tal-Qorti tal-Appell Inferjuri li l-kondizzjoni ma setghetx tigi mposta, l-Awtorita xorta wahda inseriet il-kondizzjoni fil-permess minnha mahrug;

e. Ghalhekk l-Awtorita kompetenti minflok kompliet tinsisti li r-rikorrent jidhol fl-obbligazzjoni li ntalab jidhol fiha fl-ewwel lok issa inseriet dik il-kondizzjoni bhala kondizzjoni fil-permess.

f. Ir-rikorrent permezz ta' rikors lit-Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjannar ipprotesta ruhu kontra dan l-agir u nsista li l-kondizzjoni imposta fuqhu nonostante d-decizjonijiet fuq imsemmija kellha tigi imnehhija. Minflok dan il-protest gie interpretat mit-Tribunal daqs li kieku kien appell, liema appell gie dikjarat irritu u null. Din id-decizjoni giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Inferjuri b'sentenza tas-17 ta' Gunju, 2015 fil-kawza f' l-istess ismijiet. Kopja tad-decizjonijiet kollha rilevanti qeghdin jigu hawn mehmuza u markati dokumenti D u E;

3. Illi bil-mod fuq imsemmi l-Awtorita aggirat kompletament id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-20 ta' Gunju, 2013 u xorta wahda sostanzjalment imponiet l-istess kondizzjoni b'liema irrestringiet il-persuni li jistghu jabitaw fil-post in kwistjoni jew li jistghu jipposjedu u jew jakkwistaw il-fond in kwistjoni;

4. Illi din ir-restrizzjoni fuq il-kwalifiki ta' min jista jipposjedi jew jirrisjedi fil-fond in kwistjoni ma tirrizultax mil-ligi imma giet imposta mill-Awtorita bl-esercizzju hazin tad-diskrezzjoni f'idejha fdata mil-ligi; u dana mill-istess ligi ma hemmx dritt li l-Awtorita timponi restrizzjonijiet dwar il-pussess jew il-proprjeta li wiehed jista' jkollu f'idejh u din il-kondizzjoni in partikolari giet imposta meta kien hemm gja decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li l-imposizzjoni ta' tali restrizzjoni kienet hazin u irregolari billi mhix

permessa mill-ligi u tista' twassal ghall ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent;

5. Illi b'imposizzjoni ta' din ir-restrizzjoni fir-rigward ta' min jista' jabita fl-istess fond gew miksura sija d-dritt fondamentali ta' proprjeta tar-rikorrent kif ukoll d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq skond il-ligi liema drittijiet huma drittijiet fondamentali protetti sija mill-Kostituzzjoni ta' Malta kemm ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

6. Illi fl-ewwel lok id-drittijiet tar-rikorrent dwar it-tgawdija tal-proprjeta tieghu qeghdin jigu vjolati ghaliex qieghda tigi imposta restrizzjoni dwar it-tgawdija minhu tal-istess proprjeta u dwar id-disposizzjoni minnhu mill-istess proprjeta mhix kontemplata jew permessa mill-ligi u dan minghajr il-hlas ta' ebda kumpens u bi ksur tal-obbligu ta' proporzjonalita rikjesta mill-ligi fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent; in partikolari dan id-divjet jikkomporta li huwa jitlef l-uzu u t-tgawdija tal-istess proprjeta fl-eventwalita li huwa ma jibqax bidwi u ghalhekk tnaqqas u tincidi konsiderevolment fuq id-drittijiet tieghu ta' proprjetarju tal-istess fond billi tabbina l-istess max-xoghol tieghu ta' bidwi b'mod li jekk huwa ma jibqax bidwi jigi li jitlef il-proprjeta tieghu;

7. Illi fit-tieni lok il-kondizzjoni hija diskriminatorja billi tiddiskrimina fejn bidwi ghandu jabita jew ma ghandux jabita, waqt li r-restrizzjoni dwar l-uzu tal-proprjeta tista tkun legittima, r-restrizzjoni maghmula dwar min jista jipposjedi l-istess proprjeta tikkrea diskriminazzjoni ghad-dannu tar-rikorrent billi tirrestringi l-possibilita li huwa jkun jista' fil-futur jittrasferixxi l-proprjeta tieghu lill-kull akkwirent dispost li jixtriha ghall-uzu determinat fil-permess u cioe ghall uzu tal-bidja;

8. Illi inoltre l-istess kondizzjoni tivvjola d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq billi timponi kondizzjoni li gja kienet giet ritenuta lesiva tad-drittiijiet tieghu min tribunal imparzjali u indipendenti u b'hekk ggib vjolazzjoni ghad-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq kif

ukoll tivvjola d-dritt tieghu ghat-tgwadija tal-istess porprjeta u ghall-hrug ta' permess fil-parametri ta' dak deciz mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-20 ta' Gunju, 2013 fil-kawza fuq imsemmija, liema decizjoni vestit fir-rikorrent drittijiet li ma setghux jitnehhew lilhu mill-istess Awtorita;

Ghaldaqstant, l-esponent fil-waqt li jgib l-fuq premess a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, jitlob bir-rispett li maghmula d-dikjarazzjonijiet u moghtija dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha opportuni:

1. tiddikjara dina l-Onorabbli Qorti li bl-agir fuq imsemmi u deskritt gew vjolati d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu, d-dritt tieghu li ma jigix diskriminat fit-tgawdija tad-drittijiet fondamentali tieghu, u d-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq minn Tribunal imparzjali u indipendenti u dan bi ksur tal-**Artikoli 1 tal-Ewwel Protokol** kif ukoll tal-**Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea; u l-Artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;**

2. u b'hekk tiddikjara l-imposizzjoni tal-kondizzjoni fuq imsemmija lil permess tieghu bhala wahda irrita u nulla u bla effett u taghtih kull rimedju iehor xieraq u opportun biex tigi spurgata il-vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu kif fuq premessa.'

Rat ir-Risposta Guramentata ta' l-Avukat Generali li taqra kif isegwi:

'Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-azzjoni odjerna ai termini **tal-Artikolu 181B tal-Kap 12** stante li tali talbiet m'humiex ezegwibbli fil-konfront tieghu peress li mhiex fil-mansjoni tal-esponent li jipprocessa u/jew johrog permessi u l-kondizzjonijiet espressi fihom kif indikat fir-Rikors Promotur, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem in linea preliminari, hija l-umli fehma tal-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu mir-Rikors Promotur ma jirrizultax li r-rikorrenti ezawrixxa r-rimedji kollha ordinarji a disposizzjoni tieghu stante li, principalment, ir-rikorrenti qatt ma' lmenta fuq il-kundizzjoni in kwistjoni permezz ta' appell quddiem it-Tribunal ai termini tal-**artikolu 41 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-mertu l-intimat jopponi t-talbiet kif avvanzati fir-Rikors Promotur u jirrileva li ma sehh l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *da parte* tal-esponenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew l-Artikolu 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew tal-Artikolu 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward huma ghal kollox insostenibbli ghas-segwenti motivi li qed jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

1. Li fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, ic-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tal-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Konvenzjoni Ewropeja kif allegat mir-rikorrenti;

2. Li fit-tieni lok u minghajr pregudizzju wkoll, mill-fatti kif prospettati mir-rikorrenti ma jirrizultax li kien hemm xi tehid forzuz ta' proprjeta`;

3. Li fit-tielet lok u minghajr pregudizzju wkoll, it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-esponent mhux u qatt ma kien l-awtorita` kompetenti sabiex jimponi kondizzjonijiet fil-permessi mahruga mill-awtorita` ta' Malta

dwar l-Ippjanar, kif indikat fir-Rikors Promotur. L-esponent jirribatti li huwa m'ghandux iwiegeb ghall-allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali meta dan l-allegat ksur hu kjarament marbut ma' azzjonijiet li ma ttiehdux mill-istess esponenti;

4. Li fir-raba' lok u minghajr pregudizzju wkoll, *dato ma non concesso* li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti kif sanciti fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u/jew tal-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u/jew tal-Artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni kif qed jallega r-rikorrenti, l-esponent jissottometti wkoll li r-rimedji mitluba mir-rikorrenti mhumiex gustifikati u fl-umli fehma tal-esponent, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

Salv eccezzjonijiet ohra, jekk ikun il-kaz;

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fil-konfront tal-esponenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li m'ghandu jirrizulta ebda ksur *da parte* tieghu tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ai termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u/jew tal-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja u/jew tal-Artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni kif qed jigi allegat; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.'

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Awtorita' tal-Ippjanar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-Awtorita' esponenti ma gietx citata korrettement u trid issir id-debita korrezzjoni fl-okkju.

2. Illi preliminarjament ukoll, jigi umilment eccepit illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat Kostituzzjonali taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, stante` n-nuqqas tar-rikorrent li jinqeda bil-mezzi xierqa ta' rimedju, disponibbli ghalih skont il-Ligi, biex

jikkontesta l-kundizzjoni numru 1 tal-permess numru 1221/05 li taqra *"the residential occupation of the property shall be limited to: a) an arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality, or b) a widow or widower of such a person, and to any resident dependants".*

3. Illi r-rikorrent, bin-nuqqas tieghu li jappella[1] fl-istadju opportun mill-kundizzjoni numru 1 tal-permess PA 1221/05, issokkomba, akkwejixxa ghal u rrikonoxxa l-imposizzjoni tal-imsemmija kundizzjoni fil-permess mahrug favur tieghu. Il-lanjanzi li llum qed jissolleva f'din il-kawza huma nkompatibbli ma' dik l-akkwijexxenza, u r-rikorrent m'ghandux l-interess guridiku mehtieg li jkompli b'din il-kawza.

4. Illi fil-mertu u bla hsara ghall-premess, it-talbiet kollha tar-rikorrent huma manifestament infondati u dan *inter alia* ghar-ragunijiet illi jsegwu:-

   a. Illi qabel xejn tajjeb li jigu ccarati whud mill-fatti rilevanti ghal dan il-kaz, ghaliex il-verzjoni tal-fatti esposta mill-attur dwar id-"*diversi proceduri*" li ghalihom kien soggett il-permess numru 1221/05, hi verzjoni ta' fatti (i) inkompleta u (ii) aghar minn hekk, mibnija fuq skorrettezza wara ohra;

   b. Il-fatti li r-rikorrent konvenjentement jaghzel li ma jsemmix huma s-segwenti;

      (i) qabel xejn irid jigi ccarat li l-kundizzjoni imposta fil-permess 1221/05 li fuqha huwa msejjes l-ilment kostituzzjonali/konvenzjonali mressaq f'din il-kawza, hi kundizzjoni distinta u separata mill-kundizzjoni li l-istess attur ghazel li jikkontesta bl-appell intavolat minnu fl-24

[1] Ara l-Artikolu 41 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta

ta' Ottubru 2008 quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ( u cioe' l-ewwel appell intavolat minn Frank Calleja li gie deciz mill-Bord fis-16 ta' Marzu 2012);

(ii) fil-permess originarjament mahrug mill-Awtorita' nhar it-12 ta' Gunju 2008 (*folio* Blue 85 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05 – "**Dokument X"**), il-kundizzjoni li l-attur qed jilmenta minnha f'din il-kawza kienet gja giet imnizzla bhala wahda mill-kundizzjonijiet tal-permess; fil-fatt tali kundizzjoni kienet giet imnizzla propju bhala l-ewwel kundizzjoni tal-istess permess. Importanti wkoll li jinghad illi din il-kundizzjoni kienet wahda mill-kundizzjonijiet li originarjament, gew *"elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal- inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05"* (**"Dokument Y")**. Il-kundizzjoni imposta fuq l-applikant Frankie Calleja *"to enter into a planning obbligation to tie the ownership and occupation of the dwelling to that of the farm"* kienet imnizzla bhala t-tieni kundizzjoni tal-permess originarjament mahrug mill-Awtorita' fit-12 ta' Gunju 2008 (Dokument X).

(iii) Ir-rikorrent permezz ta' appell intavolat quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, ikkontesta t-tieni kundizzjoni mposta fil-permess originarjament mahrug mill-Awtorita', izda ma ressaq ebda appell mill-ewwel kundizzjoni mposta fl-istess permess – u cioe' l-kundizzjoni li l-istess rikorrent qieghed issa jilmenta minnha f'din il-kawza.

(iv) B'decizjoni moghtija fis-16 ta' Marzu, 2012, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar irrevoka t-tieni kundizzjoni imposta fil-permess originarjament mahrug mill-Awtorita' u ordna l-hrug tal-permess *"biss bil-kundizzjonijet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05."*

(v) Il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri), bis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju 2013, ikkonfermat *"id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tas-16 ta' Marzu, 2012 li biha approvat il-hrug tal-permess PA 1221/05 bil-kundizzjonijiet kif imsemmija mill-istess Bord tal-Appell fid-decizjoni tieghu"* – u cioe' l-hrug tal-permess PA 1221/05 *"biss bil-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-ikartament tal-applikazzjoni PA 1221/05"*.

(vi) Illi l-Awtorita' esponenti, in konformita' ma' dak deciz mill-Bord tal-Appell u kkonfermat b'mod finali u definittiv mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), harget il-permess favur ir-rikorrent Calleja, *"biss bil-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05"*. Propju l-ewwel kundizzjoni elenkata fid-dokument datat 21/4/08 li jinsab *"a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05"* taqra kif gej:-

*"1. The residential occupation of the property shall be limited to: a) an arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality, or b )a widow or widower of such a person, and to any resident dependants"*

(vii) In segwitu ghal dan, u cioe' wara li l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) ikkonfermat, b'mod finali u definittiv, il-hrug tal-permess numru PA 1221/05 *"biss bil-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05"* – li kif imfisser hawn fuq kienu jinkludu l-kundizzjoni mertu ta' din il-kawza – Calleja ressaq appell quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar[2] fejn spjega illi *"I am appealing against the first imposed condition of the full development permission dated 26 August 2013"*. Ghalhekk b'dan it-tieni appell tieghu, ir-rikorrent ipprova jattakka

[2] Is-sucessur legal tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar

l-kundizzjoni li qed jilmenta minnha f'din il-kawza; u dan (i) wara li kien naqas milli jikkontesta tali kundizzjoni fl-istadju opportun u fiz-zmien moghti lilu mill-Ligi ghal dan il-ghan [Calleja kien naqas milli jikkontesta tali kundizzjoni fl-appell originarjament intavolat minnu quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-24 ta' Ottubru 2008]; u (ii) wara li l-permess soggett ghal din l-ewwel kundizzjoni, flimkien mal - kundizzjonijiet l-ohra elenkati *a folio Blue 78* tal-inkartament tal-applikazzjoni, gie kkonfermat b'mod finali u definittiv mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) bis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju 2013.

(viii) Dan it-tieni appell intavolat minn Calleja gie michud kemm mit-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri). Fis-sentenza taghha tas-17 ta' Gunju 2015, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet dan li gej :-

*Il-kundizzjoni numru 1 qatt ma kienet kontestata fl-ebda stadju tant li meta inhareg il-permess originarjament fit-12 ta' Gunju 2008 din il-kundizzjoni cioe' numru 1 kienet gja imnizzla u l-applikant a accennax ghal din il-kundizzjoni fl-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appell izda biss appella ghal kondizzjoni numru 2 [...] It-Tribunal sab li l-kundizzjoni numru 1 qatt ma ifformat xi punt ta' disputa jew dibattitu minn ebda parti u d-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-2012 ikkonfermat dan. Din il-Qorti hi perfettament in sintonija mad-decizjoni tat-Tribunal u tqis illi t-Tribunal fehem sew l-appell interpost u l-intenzjoni warajh u ikkonkluda gustament li l-kundizzjoni numru 1 kienet u baqghet ikkontestata fil-proceduri mehuda wra l-hrug inizjali tal-permess fl-2008."* [Ara ukoll r-risposta tal-Awtorita' ghal dan it-tieni appell intavolat minn Calleja – **"Dokument Z".**

5. Fl-isfond tal-permess, l-Awtorita' tirrileva bir-rispett illi hu evidenti ghall-ahhar li l-allegazzjoni tar-rikorrent li *"l-*

*Awtorita' aggirat kompletament id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell inferjuri tal-20 ta' Gunju, 2013 u xorta wahda sostanzjalment imponiet l-istess kondizzjoni b'liema irrestringiet il-persuni li jistghu jabitaw fil-post in kwistjoni jew li jistghu jipposjedu u jew jakkwistaw il-fond in kwistjoni"*, hi allegazzjoni nfondata ghall-ahhar. Tabilhaqq, hu tassew inkredibbli kif ir-rikorrent jasal li jressaq allegazzjoni bhal din meta propju hu stess, b'mod ghal kollox skorrett, qed jimmanipula l-fatti ta'dan il-kaz b'mod li l-ahjar javalla t-tezi tieghu, sabiex jaghti l-impressjoni zbaljata li l-Awtorita' ezercitat b'mod hazin is-setgha fdata lilha mill-Ligi billi *"imponiet din il-kondizzjoni in partikolari ... meta kien hemm gja decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li l-imposizzjoni ta' tali restrizzjoni kienet hazina u irregolari billi mhix permessa mill-Ligi u tista' twassal ghall ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent"*. Il-fatti ta' dan il-kaz (kif tassew sehhew) jikkonfermaw propju l-oppost ta' dak li qed jallega r-rikorrent. L-Awtorita' eccipjenti imxiet in piena konformita' ma' dak (i) originarjament deciz mill-Bord tal-Appell u (ii) sussegwentement kkonfermat b'mod finali u definittiv mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju, 2013; u dana billi harget permess favur Calleja, *"biss bil-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05"*, liema kundizzjonijiet kienu jinkludu l-kundizzjoni mertu ta' dan il-kaz li *"qatt ma kienet kontestata fl-ebda stadju"* mir-rikorrent.

6. Hu evidenti wkoll li r-rikorrent, sabiex jipprova jiggustifika l-ilment bla bazi tieghu, qieghed sahansitra jiccita/jirreferi b'mod zbaljat ghal dak li kkonkludiet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju 2013. F'dan ir-rigward jinghad li l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-20 ta' Gunju, 2013 ma setghu qatt jirreferu ghall-kundizzjoni mertu ta' dan il-kaz, propju ghaliex, kif ikkonfermat l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tas-17 ta' Gunju 2015, *"l-kundizzjoni numru 1 qatt ma kienet kontestata fl-ebda stadju ... l-applikant ma accennax ghal din il-kundizzjoni fl-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appell izda*

*biss appella ghal kondizzjoni numru 2".* L-Awtorita' ma thossx li ghandha ghalfejn izzid aktar dwar il-mod li bih r-rikorrent qed jimmanipula b'mod zbaljat dak li osservat u kkonkludiet l-Qorti tal-Appell fis-sentenzi taghha; is-sentenzi huma cari u jitkellmu wahedhom, u minn semplici qari tal-istess jirrizulta *ictu oculi* li l-Qorti tal-Appell, fl-ebda wahda mid-decizjonijiet taghha, ma qalet li xi kundizzjoni partikolari hi "*rregolari billi mhix permessa mill-Ligi*" u lanqas ma qalet li l-imposizzjoni ta' xi kundizzjoni partikolari "*tista' twassal ghall ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent*".

7. Illi hu nkoncepibbli kif ir-rikorrent jasal biex jilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq, hekk kif sancit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta kien hu stess illi naqas, fl-istadju opportun, li jinqeda bir-rimedji disponibbli ghalih u moghtija lilu mil-Ligi, li bis-sahha taghhom kellu l-jedd jepura l-kontestazzjoni tieghu dwar l-ewwel kundizzjoni imposta fil-permess numru 1221/05; u cioe' ir-rimedju ta' (i) appell mill-istess kundizzjoni quddiem t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, liema Tribunal, kif jghid r-rikorrent stess, hu *"Tribunal imparzjali u indipendenti";* u (ii) jekk ikun mehtieg, r-rimedju ta' appell ulterjuri quddiem il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri). Ir-rikorrent stess irrikonoxxa li d-dritt ta' appell moghti lilu a tenur l-Artikolu 41 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta kien jikkostitwixxi mezz xieraq ta' rimedju, tant li hu stess inqeda b'dan ir-rimedju sabiex ikkontesta, b'success, it-tieni kundizzjoni mposta fil-permess originarjament mahrug mill-Awtorita'. Ir-rikorrenti pero', b'ghazla tieghu, m'appellax (fl-istadju opportun) mill-ewwel kundizzjoni tal-istess permess, u ma jistax issa, minhabba dan in-nuqqas uniku tieghu, jilmenta minn lezjoni tad-dritt tieghu ghall-smiegh xieraq. Altrimenti din l-Onorabbli Qorti ser tigi konvertita biex twettaq il-funzjoni fdata mill-ligi lil organi gudizzjarji ohra, li m'ghandux ikun il-kaz.

8. Hu wkoll infondat l-ilment tar-rikorrent dwar l-allegat ksur tad-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-propjeta' hekk kif sancit taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan il-kaz jirrigwarda zvilupp residenzjali f'zona li taqa' barra mill-konfini tal-izvilupp (*outside development zone)*. Bhala principju generali, zvilupp residenzjali gewwa zona li taqa' barra mill-konfini tal-izvilupp ma huwiex permissibbli. Din ir-restrizzjoni pero' ma tapplikax (jew ahjar ma tapplikax b'mod assolut) fil-konfront tar-rikorrent propju ghaliex dan tal-ahhar huwa "*livestock breeder, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality in agriculture"*. Ghalhekk l-ewwel kundizzjoni tal-permess PA 1221/05, li qed jilmenta minnha r-rikorrent f'din il-kawza, mhux talli ma tivvjolax id-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta', talli hu propju bis-sahha ta' din il-kundizzjoni mposta fil-permess relattiv li r-rikorrent inghata d-dritt li jissanzjona l-izvilupp residenzjali mertu tal-applikazzjoni numru PA 1221/05.

9. Illi hadd m'ghandu d-dritt awtomatiku li jwettaq zvilupp fuq l-art tieghu. Tali dritt jigi akkwistat biss meta l-Awtorita' kompetenti taghti permess sabiex tali zvilupp isir. Hawnhekk tajjeb li jinghad li qabel il-hrug tal-permess numru PA 1221/05, ir-rikorrent ma kellu ebda permess mahrug favur tieghu – u kwindi ebda dritt - biex iwettaq zvilupp residenzjali fuq l-art tieghu. Fil-fatt l-attur kien originarjament wettaq dan l-izvilupp residenzjali minghajr permess tal-izvilupp u b'konsegwenza ta' dan inharget *enforcement notcie,* li ggib ir-riferenza ECF 305/05, fejn l-istess attur gie mwissi bl-izvilupp illegali mwettaq minnu konsistenti *"minn bdil fl-uzu materjali ta' store agrikolu ghal dar residenzjali kif ukoll landscaping, addizzjonijiet u estenzjonijiet mal-bini originali u dan kollu mhux skond il-permess PB 2421/82/4886/81 mahrug 22 ta' Gunju 1982"*. Ir-rikorrent, permezz tal-applikazzjoni PA 1221/05, talab li jinghata permess propju biex jissanzjona dan l-izvilupp illegali

mwettaq minnu gewwa *outside development zone,* u l-istess applikazzjoni giet approvata propju ghaliex l-izvilupp in kwistjoni kien ser jintuza bhala r-residenza tar-rikorrent li hu "*livestock breeder, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality in agriculture*" [u b'hekk ikollu l-fakulta' li jirrisjedi vicin l-*agricultural holdings/farm* tieghu].

10.Ghalhekk il-kundizzjoni li r-rikorrent qed jilmenta minnha f'din il-kawza hi propju kundizzjoni li bis-sahha taghha seta' jinhareg il-permess li ta lir-rikorrent il-jedd li jissanzjona l-izvilupp residenzjali tieghu. Issa r-rikorrent ma jistax jippretendi, ghaliex akkwista permess ghal zvilupp residenzjali gewwa zona li taqa' barra mill-konfini tal-izvilupp, li nghata xi dritt illimitat li jaghmel uzu mill-istess residenza, kif jidhirlu hu, anke' jekk tali uzu jkun jikkostitwixxi ksur car u manifest tal-kundizzjonijiet imposti fl-istess permess mahrug favur tieghu. Kieku kellha qatt tigi accettata din il-linja ta' hsieb, allura ma jifdal ebda skop li jkollok Awtorita' regolatorja tal-izvilupp fil-pajjiz, u kulhadd ikollu "dritt fundamentali"li jizviluppa, jew li jaghmel uzu mill-izvilupp imwettaq minnu, kif l-ahjar jixtieq u jaqbel lilu bil-konsegwenza li jkollok sitwazzjoni ta' anarkija u disordni assoluta fl-izvilupp li jsir f'pajjizna. Id-"dritt" ta' zvilupp minghajr regolamentazzjoni ta' xejn la hu dritt sancit taht il-Konvenzjoni u lanqas taht il-Kostituzzjoni.

11.F'kull kaz, u minghajr assolutament ebda hsara ghall-premess, certament illi f'dan il-kaz ma jissussisti ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi dak lamentat mir-rikorrent bl-ebda mod ma jammonta ghal "*tehid ta' ius in re [li] jintlaqat mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni*".[3]

---

[3] ***John Bugeja v. Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja OFM Conv. bhala amministratur tal-beni tal-Provincja tal-Frangiskani Minuri Konventwali et"*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Novembru 2011

12.Illi in kwantu ghall-lanjanza tar-rikorrent dwar l-allegat ksur tad-dritt tieghu li ma jigix diskriminat, jigi qabel xejn rilevat illi l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ma jghoddx ghall-kaz *de quo* in kwantu r-rikorrent ma ressaq l-ebda allegazzjoni ta' trattament differenti ghal xi wahda jew aktar mir-ragunijiet imsemmija fis-sub-inciz (3) tal-istess Artikolu.[4] Illi fir-rigward tal-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, liema vjolazzjoni qed tigi abbinata mad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti, l-Awtorita' tirrileva illi gialadarba l-ilment imqanqal mir-rikorrent f'dan il-kaz (i) ma jinkwadrax ruhhu fil-parametri tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti hekk kif garantit taht il-Konvenzjoni u (ii) wisq anqas ma jammonta ghal lezjoni ta' dan id-dritt, meta allura lanqas ma tista' tissussisti xi lanjanza dwar diskriminazzjoni taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.[5]

13.Illi f'kull kaz, u dejjem bla hsara ghall-premess, certament illi f'dan il-kaz ma jissussisti ebda ksur tad-dritt tar-rikorrent li ma jigix diskriminat. Tabilhaqq, ir-rekwizit impost fil-permess numru 1221/05 li *"the residential occupation of the property shall be limited to: a) an arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality, or b) a widow or widower of such a person, and to any resident dependants"*, mhux talli ma jivvjolax id-dritt tar-rikorrent li ma jigix diskriminat fir-rigward ta' *"fejn ghandu jabita jew ma ghandux jabita"*, talli ta lir-rikorrent il-vantagg ossia trattament preferenzjali mhux zghir, li haddiehor li m'huwiex *"an arable farmer"* m'ghandux, u cioe' d-dritt li jissanzjona residenza gewwa zona li taqa' barra mill-konfini tal-izvilupp.

---

[4] ara fost ohrajn ***"Angela sive Gina Balzan v. L-Onorevoli Prim Ministru et"*** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Dicembru 2012.

[5] *ara s-sentenza ta'* ***"Zammit Maempel v. Malta",*** *deciza mill-ECHR fit-22 ta' Novembru 2011*

Illi ghaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jimmeritawx akkoljiment.

Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrent.'

Rat in-nota tar-rikorrent datata 8 ta' Novembru, 2016 fejn talab li jigu annessi numru ta' processi u nkartamenti mal-process odjern (fol. 74).

Rat ukoll il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 29 ta' Novembru, 2016 fejn gie ordnat li jigu annessi l-atti ndikati fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 tal-istess nota.

Rat l-atti kollha li gew ordnati sabiex jigu annessi.

Rat li l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' intimata giet sorvolata billi fil-verbal tad-29 ta' Novembru, 2016 (fol. 75) din il-Qorti diversament preseduta ordnat il-korrezzjoni fl-okkju u kull fejn hu mehtieg 'billi l-isem tal-Awtorita' intimata ghandu jsir Awtorita' tal-Ippjanar'.

Rat ukoll illi fl-istess verbal din il-Qorti diversament preseduta ordnat li jinstemghu il-provi dwar it-tieni (2) eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' intimata, kif ukoll l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni tal-Avukat Generali, b'sentenza preliminari.

Rat izda li fil-verbal tal-20 ta' Gunju, 2017 l-istess Qorti rrevokat id-digriet precedenti taghha u ordnat li l-intimati ghandhom ikomplu jressqu l-provi taghhom anke fuq il-mertu.

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Ottubru 2019 ir-rikors gie differit ghad-decizjoni ghat-23 ta' Jannar, 2020.

Rat id-decizjoni ta' din l-istess Qorti datata 23 ta' Jannar, 2020 li permezz taghha laqghet it-tieni eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali intimat u t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' intimata lkoll in relazzjoni mal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta'

Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 (Att dwar il-Konvenzjoni Ewopea) u stante li qieset li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji kollha ordinarji a disposizzjoni tieghu ghaddiet sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Rat li din id-decizjoni giet appellata u permezz ta' decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 26 ta' Novembru, 2020 fil-parti sostanzjali taghha gie deciz kif isegwi:

'6. Fl-appell l-appellant ilmenta illi d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) hija żbaljata għaliex:
i. huwa eżawrixxa kull rimedju disponibbli għalih fil-liġi biex jottjeni sodisfazzjon kontra l-posizzjoni tal-Awtorita` intimata li kienet qed twassal għall-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu;

ii. naqset illi tqis li f'kull każ, kienet tgawdi minn diskrezzjoni u f'dan il-każ kellha tiddeċiedi li tibqa' tisma' il-kawża. Jinsisti li ż-żewġ kondizzjonijiet dwar il-pussess u użu tar-residenza bħala razzett '*tant bir- rispett għall-awtorita jixxibhu li wieħed ma jistax verament fis-sustanza tal-affarijiet u mingħajr rikors għall-formaliżmi eżagerati jappella minn kondizzjoni waħda mingħajr ma jappella mill-kondizzjoni l-oħra. Għaliex il-kondizzjonijiet huma kważi identiċi fis-sustanza tal-politika li jitrattaw. Għalhekk l-appell tiegħu kien indirizzat verament għas-sustanza tar- restrizzjoni u anke hekk kienet id-deċiżjoni tat-tribunal kif imbgħad konfermata'*.

7. In sostenn ta' l-ewwel parti tal-ilment tiegħu, ir-rikorrent isostni li kien għamel diversi appelli qabel ma wasal għal dawn il-proċeduri iżda dawk l-appelli '*ma rnexxewx minħabba teknikalita` li ma kellha x'taqsam xejn mas-sustanza tal-appell tiegħu'*.

8. Għal dak li jirrigwarda l-kondizzjoni numru 1 tal-permess maħruġ mill-Awtorita` appellata fis-26 ta' Awwissu 2013, liema kondizzjoni kienet ilha mposta mill-ewwel abbozz tal-permess ta' April 2008, jirriżulta ċar mill-fatti suesposti li fil-proċeduri li saru mill-appellant quddiem il-Planning Appeals Bord f'Ottubru tal-2008 l-appellant qatt ma appella dwarha. L-appell lill-Bord tal-

2008 kien jirrigwarda biss il-kondizzjoni li għaliha kienet tirreferi l-ittra tat-13 ta' Ġunju 2008 *'regarding any future ownership of the property'*, jew aħjar il-kundizzjoni numru 2 fir-*revised permit conditions* tat-12 ta' Ġunju 2008. M'huwiex għalhekk il-każ li l-ilment ma rnexxiex minħabba 'teknikalita`' kif allega l-appellant.

9. Huwa minnu li ż-żewġ kondizzjonijiet kienu t-tnejn intiżi sabiex jindirizzaw l-istess *policy,* madanakollu, kienu distinti u separati waħda mill-oħra. L-ewwel kondizzjoni timponi limitu dwar min jista' jokkupa l- fond, filwaqt li t-tieni waħda kienet timponi *planning obbligation* relattiva għal trasferimenti futuri ta' bejgħ jew kera sabiex il-fond ikun okkupat biss mill-*full time farmer* li jkompli jopera dak ir-razzett. Kienet l-għażla tal-appellant li jappella biss fuq kundizzjoni numru 2. Fl-appell ta' Ottubru 2008 l-appellant ma lmentax dwar l-ewwel kundizzjoni li kienet imposta mill-Awtorita` appellata.

10. L-appellant ikompli l-aggravju tiegħu billi jsostni li d-deċiżjoni mogħtija mill-Planning Appeals Bord fis-16 ta' Marzu 2012 *'mhux biss tatu raġuni imma sab li tali restrizzjoni kienet tmur kontra il-kostituzzjoni'.* F'dan il-kuntest l-appellant qiegħed jinjora l-fatt kruċjali li b'sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2013 il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li, *'l-Bord ippekka meta daħal fil-kwistjoni dwar il-validità kostituzzjonali tal-policy in kwistjoni jew jekk din il-policy jew senjatament parti dwar ir-restrizzjoni ta' trasferiment hix ultra vires il-poteri tal-Awtorita` mogħtija bil-Kapitoli 356 u 504'.*

11. Id-deċiżjoni tal-Bord tas-16 ta' Marzu 2012 ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell biss fil-mertu għaliex qieset li, *'l-Awtorita` ma setgħetx timponi hi kundizzjoni li l-Kummissjoni għall-Kontroll tal-Iżvilupp magħruf bħala DCC ma imponiex. Aktar u aktar id-DCC ma kellu ebda jedd ibiddel, jemenda, iżid jew inaqqas dak li kien ordna u rabat bih lill- applikant u l-Awtorita`'.*

12. Huwa minnu li dan l-argument seta' jgħodd ukoll għall-ewwel kondizzjoni, pero` kien jispetta lill-appellant iqajjem ilment f'dak ir-rigward quddiem il-qrati ordinarji. Ladarba dan m'għamlux fl-

appell li kien ippreżenta, ma jistax issa jilmenta li l-appell li ppreżenta kien '*ġie żnaturat'*.

13. *Multo magis,* l-appellant mhux biss ma appellax dwar l-ewwel kondizzjoni tal-permess fl-appell li ppreżenta quddiem il-Planning Appeals Board f'Ottubru tal-2008, talli meta dak il-Bord iddeċieda billi laqa' l-appell tiegħu u ordna lis-Segretarja tal-Kummissjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar toħroġlu l-permess *'skond l-applikazzjoni tal-appellant li ġġib in-numru 1221/05 u skond il-pjanti ġja approvati mill-Kummissjoni (u ċioe` Site Plan a folio Red 1C, Block plan a flio Red 53K u pjanti a folio 1E) u dan biss bil-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05',*[21] huwa ma ressaq l-ebda appell/appell inċidentali quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) sabiex jilmenta li, għall-istess raġunijiet, huwa lanqas ma kellu jiġi soġġett għall-ewwel kondizzjoni elenkata fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal- inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05 kien.
14. Id-deċiżjoni tal-Bord hekk kif konfermata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) kienet ċara b'dan illi l-appellant ma jistax issa jilmenta li l-Awtorita` nterpretatha ħażin jew '*b'mod restrittiv'*.

15. L-appellant jirreferi mbagħad għall-appell tiegħu tat-23 ta' Settembru 2013 li ġie ppreżentat wara l-ħruġ formali tal-permess fis-26 ta' Awwissu 2013 u li kien speċifikament jirrigwarda l-kondizzjoni numru 1 tal-istess. Jgħid li b'hekk eżawrixxa r-rimedji ordinarji kollha disponibbli għalih.

16. Iżda dak l-appell ġie meqjus irritu u null b'deċiżjoni mogħtija mill-Environment and Planning Review Tribunal fis-26 ta' Frar 2015 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-17 ta' Ġunju 2015. Konsegwentement, dak l-appell ma jista' qatt jagħmel tajjeb għall-fatt li: (i) f'Ottubru 2008 l-appellant m'appellax lill-Bord speċifikament dwar il-kondizzjoni numru 1; u, aktar minn hekk; u (ii) għall-fatt li l-appellant m'appellax mid-deċiżjoni tal-Planning Appeals Board tas-16 ta' Marzu 2012 li ordna li l-permess jinħareġ bil-kundizzjoni li dwarha l- appellant qiegħed

jilmenta.

17. Madanakollu, din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-ewwel Qorti eżerċitat sew id-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-*proviso* tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*proviso* artikolu 4(2) tal-Kap. 319 li jipprovdu:

*"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*[22]

18. Fis-sentenza li tat fl-14 ta' Mejju 2004 fil-kawża David Axiaq v. L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku, din il-Qorti saħqet illi sabiex tirnexxi eċċezzjoni dwar non-eżawriment tar-rimedji, il-Qorti trid tkun sodisfatta li l-persuna kellha mezz xieraq ta' rimedju taħt xi liġi oħra:

*"Ghalkemm huwa minnu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha s-setgha ("...tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel...") li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal- Kostituzzjoni kif ukoll taht l-artikolu korrispondenti fil-Kap. 319, tali setgha ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista' jkun hemm kaz serju ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-kaz."*

19. Aktar reċentement intqal:-

*"Illi huwa risaput li bil-provisos ghall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l- Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni, il-Legislatur halla fid-diskrezzjoni prudenti tal-Prim' Awla fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha biex, min naha l-wahda ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali jew taht il-Kap. 319, inutilment, izda min-naha l-ohra jigi assigurat li f'kazijiet li jimmeritaw li jigu ezaminati sew taht il-lenti Kostituzzjonali jew tal-Konvenzjoni, dawn jigu hekk ezaminati fid-dawl tar-rimedju jew rimedji li huma jew kienu disponibbli favur il-persuna li tkun qed tallega*

*vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghha. Indubitament, il-provisos marbutin maz-zewg Artikoli appena msemmija ma humiex intizi biex il-Qorti tahrab mir- responsabbilta` li tiehu konjizzjoni ta' ilmenti ta' natura kostituzzjonali, izda mill-perspettiva l-ohra wiehed irid iqis li jekk hemm jew kien hemm rimedji ordinarji adegwati u effettivi, il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha kostituzzjonali ghandha l-fakolta` tidderigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-Artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikat izda dejjem mehud kont tal-gravita` tal-lezjoni lamentata l-konsegwenzi ghall-applikant tal-istess lezjoni u l-interess aktar generali tal-pubbliku filli tigi kjarifikata l-pozizzjoni kostituzzjonali.”'*

20. F'dan il-każ l-ilment tar-rikorrent hu li l-kondizzjoni numru 1 tal-permess ta' żvilupp in kwistjoni tilledi d-dritt fundamentali tiegħu:-

i. għat-tgawdija tal-proprjeta` tiegħu inkwantu dik il-kondizzjoni allegatament tirrestrinġi l-mod kif jista' jgawdi u jiddisponi mill-imsemmija proprjeta`, liema restrizzjoni fil-fehma tiegħu la hija waħda kontemplata jew permessa mil-liġi u lanqas hija proporzjonali;
ii. li ma jiġix diskriminat, bħala bidwi, fejn għandu jew m'għandux jabita u lil min jista' jittrasferixxi l-istess proprjeta`; u
iii. id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi timponi kondizzjoni li, f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Ġunju 2013 ġja kienet ġiet ritenuta leżiva tad-drittijiet tiegħu.

21. Kif diġa` intqal, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tal-20 ta' Ġunju 2013 fl-appell numru 30/2012 dik il-qorti qalet: -

*“Il-Qorti tqis li dawn il-kwistjonijiet ma kinux ta' kompetenza tal-Bord kif lanqas huma ta' kompetenza ta' din il-Qorti bil-poter limitat taghha li tirrevedi biss kwistjonijiet ta' ligi mqajma u decizi mill-Bord tal-Appelli. Dak li ddecieda l-Bord ma kinux kwistjonijiet legali relatati ma applikazzjoni ta' zvilupp izda kwistjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem li*

*għandhom jigu processati fis-sede idonea u hemm biss. Inoltre kwistjonijiet ta' jekk policy hix ultra vires xi liġi wkoll taqa' fil-mansjonijiet tal-Qrati ordinarji mhux ta' ebda Bord u anqas ta' din il-Qorti. Il-policy tikkostitwixxi provvediment jew regola li jrid jiġi applikat kif jistipula l-artikolu 33 tal-Kap. 356 illum 69 tal-Kap. 504 u għalhekk jikkreja obbligu legali fuq l-enti awtorizzata tapplika fl-ambitu ta' applikazzjoni ta' żvilupp. Jekk hemm kunflitt ċar u manifest mhux kompitu li jiddeċidieh hu. Il-Bord qiegħed hemm biex jeżamina u japplika l-liġijiet, pjanijiet u policies fid-dawl tal-każ partikolari quddiemu u jieqaf hemm. Kwistjonijiet oħra bħal dawn in eżami għandhom jittieħdu mill-parti interessata quddiem il-forum li għandu s-setgħa jiddeċidihom."*

22. Kieku l-appellant appella dwar il-kundizzjoni numru 1 quddiem il- Bord tal-Appelli, dak l-appell kien ikun limitat dwar kwistjonijiet li l-istess Bord għandu l-kompetenza li jikkunsidra u jiddeċiedi dwarhom, u ma kienx ikun jista' jindirizza allegat ksur ta' drittijiet fundamentali li titratta l- kawża tal-lum.

23. Il-kundizzjoni imposta hi l-*policy* li kienet tapplika dak iż-żmien. Hi dik il-*policy* li issa trid tiġi kkunsidrata fil-kawża kostituzzjonali li ppropona l-appellant u dan mill-aspett tal-jeddijiet fundamentali li qiegħed jinvoka l- appellant.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq, tilqa' l-appell tal-appellant u tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-23 ta' Jannar 2020, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-appellat Avukat Ġenerali illum Avukat tal-Istat u t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Awtorita` appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bis-smigħ tal-kawża.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellati.'

Rat li r-rikors gie rinvinjat lura lil din il-Qorti in linea ma dak deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Rat li fit-2 ta' Gunju, 2021 din il-Qorti regghet iddifferiet il-kawza ghad-decizjoni fil-mertu filwaqt li l-partijiet inghataw termini ghall-prezentata tan-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

**Ikkunsidrat;**

Illi dan huwa rikors kostituzzjonali fejn ir-rikorrent Frankie Calleja qed jilmenta li kundizzjoni partikolari mposta fuqu fl-ghoti ta' permess ta' zvilupp mill-Awtorita' intimata tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu, d-dritt tieghu li ma jigix diskriminat fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tieghu u d-dritt tieghu ghal smigh xieraq minn Tribunal imparzjali u indipendenti u dan allegatament bi ksur tal-Artikoli 1 tal-Ewwel Protokol kif ukoll tal-Artikolu 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Jitlob ghalhekk li din il-Qorti tiddikjara l-kundizzjoni in kwistjoni irrita u nulla u bla effett u li l-Qorti taghtih kull rimedju iehor xieraq u opportun biex tigi spurgata l-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu.

*Illi dan l-appell jirrigwarda kundizzjoni numru 1 fil-permess PA 1221/05 datat 26 t'Awissu 2013 mahrug wara li l-Bord tal-Appell b'decizjoni tas-16 ta' Marzu 2012 laqgha l-appell kontra kundizzjoni ohra dwar impozizzjoni ta' Planning Obligation li giet komunikata lill-appellant b'ittra tas-26 ta' Settembru 2008.*
*Illi f'din id-decizjoni, il-Bord tal-Appell ordna li jinhareg il-permess numru PA 1221/05 skont "il-pjanti gja approvati mill-Kummissjoni (u cioe Site Plan a folia Red 1C, Block plan a folio Red 53K u pjanti a folio 1E) u dan biss bil-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni PA 1221/05." (emfasi mizjuda)*
*Illi dan l-appell gie intavolat wara li l-appellant ircieva l-permess, hekk kif l-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell giet konfermata mill-Qorti tal-Appell b'decizjoni tal-20 ta' Gunju 2013. L-appell huwa kontra l-impozizzjoni ta' kundizzjoni numru 1 li tghid hekk:*
*"The residential occupation of the property shall be limited to:*
*a) An arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality, or*
*b) A widow or widower of such a person, and to any resident dependents."*
*Illi qabel ma jidhol fl-aggravji fuq il-mertu mressqa mill-appellant, dan it-Tribunal ser jistharreg il-kwistjoni preliminari sollevata mill-Awtorita' jekk dan l-appell giex intavolat korrettement quddiem dan it-Tribunal.*
*Illi il-kwistjoni mqajma mill-Awtorita' hija semplici: wara li jkun inhareg permess mill-Awtorita' fuq l-iskorta ta' decizjoni ta' dan it-Tribunal, jew f'dan il-kaz mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, jista jerga jsir Appell?*
*Illi dan it-Tribunal gja kellu okkazjoni li jikkunsidra eccezzjoni simili bhal fil-kaz ta' Clive Tonna kontra l-Awtorita', fejn f'decizjoni preliminari tas-16 ta' Settembru 2014, dan it-Tribunal spjega illi:*
*"Minghajr ma wiehed jidhol fil-mertu ta' dak deciz mit-Tribunal diversament Kompost fl-appell numru 409/11, dan it-Tribunal irid jezamina, prima facie, l-ilment tal-Appellanti odjern. F'dan l-Appell dak li dwaru qed jilmenta l-Appellanti huwa li l- pjanti li gew eventwalment accettati sabiex jiffurmaw parti mill-Permess 2146/07 ma jikkonformawx*

*mad-decizjoni mehuda mit-Tribunal stess. Dan ifisser, skond l-Appellanti, li, stante din in-non konformita', huwa ghandu dritt li jaccedi ghal dan it- Tribunal sabiex jikkoregi dak il-hazin li sar (hazin naturalment b'mod soggettiv ghall- Appellanti).*

*L-Awtorita' semplicement tghid li dan ma jistax isir. Id-dilemma legali hija semplici. Il-ligi tispecifika li minn decizjoni moghtija mit-Tribunal hemm biss Appell lil Qorti tal-Appell. Dwar dan ma hemm ebda dubju. Izda l-ilment tal-Appellanti huwa kemm xejn differenti. L-Appellanti jaqbel mad-decizjoni moghtija mit-Tribunal IZDA ma jaqblix mal-pjanti li finalment gew firmati bhala dawk li jiffurmaw il-Permess 2146/07.*

*ANZI l-Appellanti jghid li dawn il-pjanti ma jirrispekkjawx dak deciz mit-Tribunal. Dan huwa l-punt. Fejn ikun hemm sitwazzjoni ta' decizjoni tat-Tribunal u pjanti li huwa allegat li ma jaqblux mad-decizjoni moghtija, il-ligi x'taghti bhala rimedju.*

*L-uniku rimedju miftuh lill-Appellanti kien propjru li jaghmel dan l-Appell fis-sens li huwa hekk biss li l-Permess mahrug jista jigi evalwat. Huwa minnu li l-Pjanti lmentati kienu ffirmati mic-Chairman tat-Tribunal li jkun ha d-decizjoni izda, din il- firma hija bizzejjed biex tnaqqas mid-dritt li jista talvolta jkollu l-Appellanti.*

*Il-punt irid ikun car: It-Tribunal mhux ser jidhol fid-decizjoni per se. Id-decizjoni hi li hi u t-Tribunal ma ghandu ebda dritt li jissindika jew ibiddel din id-decizjoni. Jista biss, fil-kuntest tal-Appell odjern jara fejn l-Appellanti jghid li l-pjanti ma jaqblux mad-decizjoni fl-Appell u jikkonferma jekk dan huwa minnu jew le."*

*Fid-decizjoni fl-ismijiet Avukat Dottor John Bonello et kontra l-Awtorita' tal-14 ta' Novembru 2013, dan it-Tribunal laqa' l-aggravju tal-appellant li l-Awtorita' imponiet kundizzjoni li ma kienetx kontemplata fid-decizjoni tat-Tribunal fuq l-istess applikazzjoni. F'dan il-kaz it-Tribunal ghamilha cara li 'mhux ser jidhol fil-mertu tad-decizjoni billi dak il-mertu jinsab gja deciz. Dan it-Tribunal irid jezamina id-decide ta' dik id-decizjoni u jara jekk fil-permess li effettivament inhareg dik id-decizjoni gietx riflessa sewwa.'*

*Illi prima facie il-kaz huwa simili ghal dawk citati supra fejn l-appellant qed jilmenta l-kundizzjonijiet fil-permess ma jirriflettux dak deciz mil-Bord tal-Appell, u ghaldaqstant qed jichad l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita'.*

*Illi rigward il-kundizzjoni numru 1, l-appellant qed jinsisti li din ukoll kellha tigi mhassra bhal ma gie deciz fid-decizjoni tal-Bord tal-Appell*

*hekk kif konfermata mill- Qorti tal-Appell, peress li din il-kundizzjoni ma tohrogx mid-decizjoni tal- Kummissjoni tal-Kontroll tal-Izvilupp tas-6 ta' Marzu 2008.*

*Illi l-Awtorita' qed tinsisti li din il-kundizzjoni mertu ta' dan l-appell tohrog mid-dokument a fol 78 fl-inkartament tal-PA 1221/05 hekk kif ordnat lilha mill-Bord tal- Appell.*

*Minn ezami tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell, johrog evidenti li l-permess kellu johrog skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-dokument a fol 78 fl-inkartament tal-PA 1221/05, li tinkludi l-kundizzjoni numru 1 li hija l-mertu ta' dan l-appell.*

*Illi l-Bord tal-Appell ezamina sew dan id-dokument fejn fl-istess decizjoni gie spjegat dan li gej:*

*"Dan il-Bord wara li ra bir-reqqa l-inkartamenti tal-appell u tal-applikazzjoni wasal ghal konkluzjoni li bhala stat ta' fatt illi minkejja dak li ssottomettiet l-Awtorita, meta il-Kummissjoni kienet ddecidiet li tilqa' l-appell u specifikatament imponiet iz-zewg kundizzjonijiet fuq imsemmija hija ma kienitx qed tikkunsidra li timponi dik il-kundizzjoni li eventwalment giet avzata lill-appellant bl-ittra tat-13 ta' Gunju, 2008 u eventwalment notifikata lilu bl-ittra tas-26 ta' Settembru, 2008. Di fatti l-ewwel abbozz tal-permess li jinsab a folio Blue 78 tal-inkartament tal-applikazzjoni ma fihiex tali kundizzjoni. Qari tal-minuti fl-inkartament tal-applikazzjoni bhal per ezempju minute 79 juri bic-car illi l-Area Manager involut, li originarjament kien irediga l-abboz tal-permess a folio Blue 78 minghajr il-kundizzjoni in kwistjoni, issa kien qieghed jiddubita x'kienet iddecidiet il-Kummissjoni u jaghti zewg eventwalitajiet. Kien f'minute 80 li hemm riportat li l-Kummissjoni ddecidiet li ddahhal din il-kundizzjoni gdida. Ghalhekk dan il-Bord hu konvint illi f'dawn ic- cirkostanzi meta l-Kummissjoni ddecidiet li jinhareg il-permess fis-6 ta' Marzu, 2008 hija ma kinitx la b'mod esplicitu u lanqas implicitu qed timponi tali kundizzjoni."*

*Illi hawnhekk johrog evidenti li l-Awtorita' segwiet tajjeb l-ordnijiet maghmula minnha mill-Bord tal-Appell, u l-kundizzjoni numru 1 hija l-istess kundizzjoni li hija mnizzla fid-dokument a fol 78 imsemmi fid-decizjoni tal-Bord tal-Appell.*

*Illi b'differenza tal-kazijiet ta' Clive Tonna, u f' tal-Avukat Dottor John Bonello et, f'dan il-kaz l-appellant ma jistax jargumenta li b'xi mod qed ihossu sorpriz b'tali kundizzjoni, meta l-istess kundizzjoni tohrog minn dokument, ossia dokument a fol 78 fl-inkartament tal-PA 1221/05, li kien*

*jinsab fl-atti tal-istess appell li issa qed jerga jsir appell minnhu.*

*F'dan il-kaz, dak li qed jitlob l-appellant huwa ezami mill-gdid tad-decizjoni tal-Bord tal-Appell li certament dan it-Tribunal m'ghandhux tali kompetenza, meta skont il-ligi l-decizjoni tal-appell hija wahda finali, bi dritt tal-appell fuq punt ta' ligi fil-Qorti tal- Appell.*

*Ghal dawn il-mottivi, dan it-Tribunal jiddikjara dan l-appell bhala wiehed irritu u null u konsegwentament jichad l-istess.*

***Ikkunsidrat***

*L-aggravji tal-appellant hu s-segwenti:*

*1. It-Tribunal iddecieda hazin meta sostna li dan kien appell quddiem l-istess Tribunal mid- decizjoni tieghu stess meta hemm biss appell quddiem il-Qorti tal-Appell minn decizjonijiet tat-Tribunal. Bhala principju t-Tribunal kien korrett izda dan ma hux appell mid-decizjoni tat- Tribunal izda mill-agir tal-Awtorita fil-hrug tal-permess biex it-Tribunal jiddetermina jekk il- kundizzjoni imposta mill-Awtorita kinitx tirrifletti dak deciz mit-Tribunal. Permess mahrug mill-Awtorita hu applikabbli quddiem it-Tribunal u ghalhekk hemm appell bhal kaz in kwistjoni quddiem it-Tribunal. F'dan il-kaz l-Awtorita regghet imponiet kundizzjoni fil-hrug ta' permess li kien fil-fatt is-soggett ta' appell quddiem it-Tribunal li iddecieda li ma kellhiex tigi imposta. L-appellant ma jistax jithalla bla rimedju u hi diskriminatorja.*

*Hi l-fehma tal-Qorti li dan l-appell ma jimmeritax jigi milqugh. Fl-ewwel lok l-appellant lanqas biss jirreferi ghal kundizzjoni li fuqha qed isir l-ilment, pero qari tal-appell quddiem it-Tribunal juri illi l-appellant kien qed jilmenta mill-kundizzjoni numru 1 imposta mill-Awtorita fil-hrug tal- permess in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-proceduri relattivi ghall-istess premessi deciza finalment fl-20 ta' Gunju 2013.*

*Dik is-sentenza li fil-fehma tal-Qorti tpoggi dan l-appell fil-perspettiva gusta tieghu kienet dwar appell maghmul mill-Awtorita mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-16 ta' Marzu 2012 fejn kienet cahdet l-appell tal-Awtorita u ikkonfermat id-decizjoni tal-Bord tal-Appell. Dik is-sentenza cahdet l-aggravju tal-Awtorita li l-kundizzjoni numru 2 ma kellhiex tigi imposta kif fil- fatt kien iddecieda l-Bord tal-Appell fuq appell ta' Frankie Calleja. Pero ikkonfermat ukoll id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-16 ta' Marzu 2012 li biha approvat il-hrug tal-permess PA 1221/05 bil-kundizzjonijiet kif imsemmija mill-istess Bord tal-Appell fid-decizjoni tieghu.*

*Il-kundizzjoni numru 1 qatt ma kienet kontestata fl-ebda stadju tant li*

*meta inhareg il-permess originarjament fit-12 ta' Gunju 2008 din il-kundizzjoni cioe numru 1 kienet gia imnizzla u l-applikant ma accennax ghal din il-kundizzjoni fl-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Appell izda biss appella ghal kondizzjoni numru 2.*
*Il-kwistjoni giet trattata bir-reqqa mit-Tribunal fejn ikkunsidra li f'kazijiet simili t-Tribunal ghandu obbligu li jisma appell meta l-ilment hu li l-permess mahrug mill-Awtorita ma jirrispekkjax id-decizjoni tat-Tribunal. Pero l-obbligu tat-Tribunal hu biss li jivverifika d-decizjoni tat-Tribunal mhux li jerga' jezaminaha mill-gdid fuq il-mertu taghha. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament u t-Tribunal ikkunsidra l-appell maghmul mill-lenti legali gusta u korretta. It-Tribunal sab li l-kundizzjoni numru 1 qatt ma ifformat xi punt ta' disputa jew dibattitu minn ebda parti u d-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-2012 ikkonfermat dan. Din il-Qorti hi perfettament in sintonija mad-decizjoni tat-Tribunal u tqis illi t-Tribunal fehem sew l-appell interpost u l-intenzjoni warajh u ikkonkluda gustament li l-kundizzjoni numru 1 kienet u baqghet inkontestata fil-proceduri mehuda wara l-hrug inizjali tal-permess fl-2008.*
*Decide*
*Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Frankie Calleja u tikkonferma d- decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tas-26 ta' Frar 2015, bl-ispejjez kontra l-appellant.'*

**Ikkunsidrat ulterjoment;**

**Eccezzjonijiet preliminari:**
Illi sorvolati l-eccezzjonijiet preliminari dwar l-ezawriment tar-rimedji ordinarji kif suespost, jonqos li tigi kkunsidrata u deciza l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

Din l-eccezzjoni mqajjma mill-Avukat Generali hija msejsa fit-termini tal-artikolu 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), liema artikolu jsostni li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. L-istess artikolu jsostni li l-Avukat Generali llum Avukat tal-Istat jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet

gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu rizultat ta' kundizzjoni mposta fuqu f'permess ta' zvilupp da parti tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Huwa car ghalhekk li l-azzjoni li qed tigi attakkata kostituzzjonalment hija azzjoni li ttiehdet mill-Awtorita' tal-Ippjanar u mhux mill-Avukat Generali. Tant kien car ghar-rikorrent minn min ittiehdet id-decizjoni li appuntu harrek bhala ntimata ukoll lill-Awtorita' tal-Ippjanar. Il-Qorti tifhem li l-Avukat Generali gie mharrek ai fini ta' kompletezza tal-proceduri da parti tar-rikorrent izda la darba huwa car l-azzjoni attakkata minn min saret, u huwa wkoll car liema parti mill-Gvern ta' Malta wettqet din l-azzjoni, allura r-rikors odjern kellu jigi ndirizzat biss lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali li mhux il-legittimu kontradittur u tghaddi sabiex tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern izda l-Qorti tqis li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha relatati ma' din l-eccezzjoni.

**Allegat ksur tad-Drittijiet Fundamentali:**

(a) **Ir-rikorrent odjern jallega ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem:**

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

'(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –

(a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u

(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:

Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.'

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi l-interpretazzjoni moghtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol

tal-Konvenzjoni hija li:

'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)[6]'

Fl-istess decizjoni l-Qorti kompliet issostni li huma tlieta (3) r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

---

[6] Applikazzjoni numru: 35015/97 – 19th June, 2006.

Illi fil-kaz odjern u limitatament ghal dak li jista' jigi skrutinizzat minn din il-Qorti bhala sede kostituzzjonali r-rikorrent jilmenta mill-kundizzjoni mposta fuqu fil-permess ta' zvilupp li taqra kif isegwi:

*"The residential occupation of the property shall be limited to:*
*a) An arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality, or*
*b) A widow or widower of such a person, and to any resident dependents."*

Illi kif inghad aktar il' fuq mill-fatti kif esposti jirrizulta li l-proprjeta' tar-rikorrenti tinsab barra z-zona ta' zvilupp. Dan ifisser li bhala regola generali l-ebda zvilupp ma kien permess fuq il-proprjeta' tar-rikorrent. Din ir-regola generali tapplika mhux biss ghar-rikorrent izda ghal kull persuna li tipprova taghmel zvilupp barra z-zona ta' zvilupp. Jirrizulta li ghal certu zmien madwar hamsa u ghoxrin sena r-rikorrent gawda minn bini ta' residenza/razzett bla permess ta' zvilupp fuq il-proprjeta' tieghu. F'mument minnhom l-awtoritajiet saru jafu li dan il-bini kien bla permess ta' zvilupp u ghalhekk idderigew lir-rikorrrent sabiex jissanzjona dan l-izvilupp. Effettivament it-talba tar-rikorrent sabiex il-bini jigi sanzjonat giet milqugha fit-termini tal-'policy 2.2B' fil-'Policy and Design Guidance' tal-Awtorita' tal-Ippjanar li ggib l-isem *'Agriculture, Farm Diversification and Stables'* mahruga f'Dicembru 2007 (kopja esebita a fol. 93 tal-process u fol. 107 et seq tal-process). Jirrizulta li skont din il-'policy', sabiex jinhareg permess simili ghal dak tar-rikorrenti barra z-zona ta' zvilupp, apparti li jridu jigu sodisfatti certu kriterji l-istess 'policy' timponi klawzola ta' okkupazzjoni kif isegwi:

*'The residential occupation of the property shall be limited to:*
*1) an arable farmer, registered with the Department of Agriculture, working, or last working before retirement, in the locality, or*
*2) a widow or widower of such a person, and to any resident dependants'*

Appuntu din il-klawzola hija riflessa fl-ewwel kundizzjoni mposta fil-permess ta' zvilupp tar-rikorrent.

Imiss ghalhekk li l-Qorti tapplika l-kriterji ndikati mill-Qorti Ewropeja ghal din il-klawzola sabiex jigi deciz jekk l-imposizzjoni ta' din il-klawzola fuq ir-rikorrent tilledix il-jeddijiet fundamentali tieghu relatati mat-tgawdija tal-proprjeta'.

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali:

Kif gia inghad il-kundizzjoni mposta temani minn 'policy' redatta mill-Awtorita tal-Ippjanar intimata. Illi fit-termini tal-artikolu 48 tal-Kap. 504 tal-Ligijiet ta' Malta 'Att Dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp':

'48.(1) L-Awtorità għandha, sew minn jeddha, iżda wara li tikkonsulta mal-Ministru, jew jekk ikun mitlub hekk mill-Ministru, tagħmel pjan jew policy dwar kull kwistjoni dwar l-ambjent u l-ippjanar ta' iżvilupp.'

L-artikolu 23 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta l-'Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp' applikabbli precedentement ghall-introduzzjoni tal-Kap. 504 fuq imsemmi kien jaqra li:

'23. Jekk l-Awotrita' jidhrilha li biex l-izvilupp jithaddem sewwa u b'mod effettiv huwa mehtieg li thejji proposti aktar fid-dettal milli jistghu jigu mdahhla fi pjan ta' struttura, l-Awtorita' tista' thejji dawk il-pjanijiet sussidjarji jigifieri pjanijiet dwar suggett, pjanijiet lokali, pjanijiet ta' azzjoni u briefs dwar l-izvilupp, li jidhrilha mehtiega.'

Isegwi l-artikolu 24 li jaqra:

'24. (1) Pjan dwar suggett huwa pjan li jittratta dwar *policy* jew materja komprizi fi pjan ta' struttra izda jehtiegu biex jigu attwati aktar dettalji milli jkun hemm fil-pjan ta' struttura.

(2) Pjan dwar suggett ghandu jkun maghmul minn stqarrija bil-miktub gustifikata b'dawk il-mapep u dijagrammi li jkunu meqjusa mehtiega.
(3) Hlief kif mistqarr xort'ohra fil-pjan, pjan dwar suggett ghandu japplika ghal kull qasam rilevanti tal-pjan ta' struttura, sew jekk huwa wkoll qasam kompriz fi pjan lokali, pjan ta azzjoni jew brief dwar l-izvilupp se jekk le.'

Fir-rikors tieghu r-rikorrent jilmenta li 'r-restrizzjoni fuq il-kwalifiki ta' min jista' jipposjedi jew jirrisjedi fil-fond in kwistjoni ma tirrizultax mil-ligi imma giet imposta mill-Awtorita' bl-ezercizzju hazin tad-diskrezzjoni f'idejha fdata mill-ligi'. Il-Qorti allura tara li hemm qbil anki mir-rikorrent li l-Awtorita' ntimata hija fdata bil-poter fil-ligi li thejji u tapplika 'policies' b'dana li jirrizulta car allura li r-restrizzjoni li minnha r-rikorrent qed jilmenta appuntu temani mil-ligi u tirrizulta minn qafas legali, u ghalhekk l-ewwel kriterju mpost mill-Qorti Ewropea huwa sodisfatt.

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu:

Illi l-mizura in kontestazzjoni tillimita l-hrug ta' permess ta' zvilupp barra z-zona ta' zvilupp ghal certi persuni partikolari u cioe' dawk li jikwalifikaw bhala 'arable farmer' u familjari tieghu kif gia kwotat aktar il' fuq. Fil-fatt l-Awtorita' ntimata fir-risposta taghha tikkoncedi li l-principju generali li barra z-zona ta' zvilupp mhux accettat li jsir zvilupp huwa suggett ghal certu eccezzjonijiet bhal fil-kaz tar-rikorrent odjern li l-Awtorita taccetta li huwa 'livestock breeder, registered with the Department of Agriculture, workin, or last working before retirement, in the locality in agriculture'. Tissottometti ulterjorment li allura l-kundizzjoni li qed jilmenta minnha r-rikorrent:

'mhux talli ma tivvjolax id-dritt tieghu ghat-tgawdija tal-proprjeta', talli hu propju bis-sahha ta' din il-kundizzjoni mposta fil-permess relattiv li r-rikorrent inghata dritt li jissanzjona l-

izvilupp residenzjali mertu tal-applikazzjoni numru pa 1221/05.' (ara fol. 63 ergo).

Illi minn dak suespost u minn ezami tad-dokumentazzjoni kollha fl-atti jirrizulta lil din il-Qorti li l-ghan tar-restrizzjoni mposta fuq ir-rikorrent huwa sabiex jigi evitat abbuz fejn ghall-ewwel jinhareg permess ta' zvilupp ghal residenza barra z-zona ta' zvilupp bil-pretensjoni li l-applikant jissodisfa l-kriterji bhala 'arable farmer' u konsegwentement wara li jinhareg il-'permess' din il-proprjeta' tigi trasferita, possibilment bi qliegh mhux zghir ghas-sid li fuqu jkun inhareg il-permess ta' zvilupp, lil terzi li ma jissodisfawx tali kriterji u li kieku l-art kienet taghhom qatt ma kien jinhargilhom dan il-permess ta' zvilupp. Johrog ghalhekk li l-iskop tar-restrizzjoni mposta huwa sabiex jigi evitat l-abbuz tal-'policy' u jkun hemm proliferazzjoni ta' zviluppi residenzjali barra z-zona ta' zvilupp li ma jkunux uzati ghall-iskop approvat u cioe' dak ta' razzett veru u proprju kif timponi l-'policy'.

Illi l-Qorti tqis in vista ta' dak suespost li allura l-iskop tal-'policy' in kwistjoni li tillimita l-izvilupp barra z-zona ta' zvilupp ghal dak li verament huwa necessarju sabiex thares l-ambjent naturali tal-pajjiz, jikwalifika certament bhala ghan legittimu, u ghalhekk it-tieni kundizzjoni kif esposta mill-Qorti Ewropea hija wkoll sodisfatta.

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien:

Illi fil-kaz partikolari odjern jirrizulta li kwalunkwe persuna ohra li tapplika ghal permess ta' zvilupp residenzjali barra z-zona ta' zvilupp ma tikwalifikax fit-termini tal-'policy' in kwistjoni sabiex jinhargilha permess ta' zvilupp w'ghalhekk qatt ma jista' jinhargilha permess bhal dak mahrug lir-rikorrent. Dan ifisser li persuna li ma tikwalifikax, ikollha kemm ikollha proprjeta' ta' art barra z-zona ta' zvilupp, l-art taghha ghandha valur biss bhala art barra z-zona ta' zvilupp u cioe' bhala eghlieqi jew simili u xejn

aktar. Fil-kaz tar-rikorrent l-art tieghu, li originarjament ukoll kienet biss tikkonsisti f'eghlieqi jew simili barra z-zona ta' zvilupp u ghalhekk kellha valur limitat, ghar-raguni li huwa rnexxielu jipprova lill-Awtorita' ntimata li huwa 'arable farmer' fuq din l-art, inhareg favur tieghu permess ghal residenza marbut mal-attivita' tar-razzett. Ovvjament dan il-permess ta' residenza barra z-zona ta' zvilupp zied ferm fil-valur tal-proprjeta' tar-rikorrent u dan a skapitu ta' terzi persuni ohra wkoll proprjetarji ta' art barra z-zona ta' zvilupp li, ghaliex ma jikkwalifikawx bhala 'arable farmer', il-valur tal-art taghhom baqa' ferm limitat. L-Awtorita' ntimata bl-iskop legittimu li tillimita l-abbuz ta' din il-'policy' timponi kundizzjoni fuq l-applikant, li hija appuntu dik li qed jikkontendi bhala bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu r-rikorrent llum u li kif gia inghad tillimita d-dritt ta' residenza u trasferiment tal-proprjeta' in kwistjoni ghall-istess applikant li huwa l-'arable farmer' kemm meta jkun attiv kif ukoll meta jirtira, martu jew l-armla tieghu u dipendenti tal-istess jew ghal terzi persuni li wkoll jikkwalifikaw taht il-klawzola bhala 'arable farmer' u l-familjari taghhom.

Il-Qorti tirrileva fl-ewwel lok li allura l-argument imqajjem mir-rikorrent fir-rikors tieghu li d-dritt ta' residenza tieghu huwa limitat ukoll meta jirtira mhux minnu stante li l-'policy' tghid kjarament li 'arable farmer' irtirat jista' jibqa jghix fir-residenza. Ir-rikorrent izda jilmenta li din il-klawzola tillimita ferm id-dritt ghat-tgawdija tal-proprjeta' tieghu ghaliex tirrestringih ferm milli jitrasferixxi r-residenza lil terzi kemm sakemm ikun ghadu haj kif ukoll f'kaz li jigi nieqes u l-familjari tieghu jigu biex ibieghu l-istess proprjeta'. Il-Qorti taqbel li verament tirrizulta din ir-restrizzjoni li 'prima facie' tidher li hija wahda ferm iebsa u li verament tillimita d-dritt tar-rikorrent sabiex jittrasferixxi l-proprjeta' kif inhi u cioe' bir-residenza fuqha sanzjonata bil-permess ta' zvilupp.

Illi izda l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti sabiex tevalwa l-proporjonalita' ta' din il-mizura huwa li tqabbel il-jedd tar-rikorrent ma' dak ta' persuni ohra sidien ukoll ta' proprjeta' barra

z-zona ta' zvilupp. Jirrizulta lil Qorti li filwaqt li terzi li ma jikkwalifikawx bhala 'arable farmer' ma ghandhom fl-ebda hin il-jedd li jibnu fuq il-proprjeta' taghhom, ir-rikorrent ghal kuntrarju nghata trattament ferm aktar preferenzjat ghaliex jikkwalifika bhala 'arable farmer'. Sa dan il-mument l-isproporzjon li qed tara din il-Qorti huwa kontra t-terzi proprjetarji l-ohra u mhux kontra r-rikorrent. L-Awtorita' sabiex tibbilancja l-isproporzjon kreat favur ir-rikorrent permezz tal-permess, mponiet il-kundizzjoni li tirrestringi d-dritt ta' residenza u d-dritt ta' trasferiment lil certu persuni biss li jikkwalifikaw taht il-'policy'. B'din ir-restrizzjoni xorta wahda jirrizulta li r-rikorrent jibqa' minn fuq meta komparat mat-terzi li jibqghu proprjetarji ta' art barra z-zona ta' zvilupp li ma jistghux jizviluppaw f'residenzi fejn ghall-kuntrarju r-rikorrent grazzi ghall-permess ta' zvilupp huwa llum proprjetarju ta' art zviluppata f'razzett barra z-zona ta' zvilupp. Huwa minnu li kieku din il-proprjeta' tista tigi trasferita lil terzi bla ebda restrizzjoni probabbli ggib aktar valur pero' wiehed ma jistax ma jqisx li xorta wahda li l-proprjeta' kif zviluppata u nonostante r-restrizzjoni mposta ghandha valur ferm akbar minn dik ta' terzi li ma gewx favoriti grazzi ghall-'policy' in kwistjoni.

Illi l-Qorti tqis li l-izball li qed jaghmel ir-rikorrent huwa li fl-ezami tal-proporzjonalita' li hu qed jaghmel hu qed iqabbel ruhu ma' terzi ohra li huma sidien ta' proprjeta' li izda ma taqax fiz-zona ta' zvilupp u cioe tinsab entro z-zona ta' zvilupp. Il-Qorti izda tqis li wara li ghamlet l-ezami ta' proporzjonalita' kif espost bejn kazijiet simili u cioe' proprjetarji ta' art fiz-zona barra z-zona ta' zvilupp, tqis li l-isproporzjon li tirrizulta hija favur ir-rikorrent u mhux kontra u ghalhekk tqis li l-mizura li ttiehdet permezz tal-imposizzjoni tal-kundizzjoni msemmiha zzomm bilanc gustifikabbli bejn l-ghan socjali li jigi mhares l-ambjent naturali tal-pajjiz u l-htiega li jigi rispettat id-dritt fundamentali tas-sid f'dan il-kaz tar-rikorrent ghat-tgawdija tal-proprjeta tieghu.

Il-Qorti ghaldaqstant in vista tas-suespost ma ssibx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent relatati mat-tgawdija tal-proprjeta' kif sanciti taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u

l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem u ser tichad l-ilment kostituzzjonali relatat ma dawn l-artikoli.

**(b) Ir-rikorrent odjern jallega wkoll diskriminazzjoni fil-konfront tieghu fit-termini tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem:**

Illi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fil-partijiet relevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'45.(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5)u (7) ta' dan l-artikolu, ebda liġi ma għandha tagħmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett tagħha.
(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u(8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.
(3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skont ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi, sess, orjentazzjoni sesswali jew identità tal-ġeneru li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta'deskrizzjoni oħra bħal dawn.
(4) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux jgħodd għal xi liġi safejn dik il-liġi tipprovdi –
(a) għall-approprjazzjoni ta' dħul pubbliku jew fondi pubbliċi oħra; jew
(b) dwar persuni li ma jkunux ċittadini ta' Malta; jew
(ċ) dwar adozzjoni, żwieġ, xoljiment ta' żwieġ, dfin, devoluzzjoni ta' proprjetà mal-mewt jew xi ħwejjeġ ta' liġi personali mhux hawn qabel speċifikati; jew

(d) li biha persuni ta' xi deskrizzjoni bħal dik kif hija msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu assoġġettati għal xi inkapaċità jew restrizzjoni jew jistgħu jiġu mogħtija xi privileġġ jew vantaġġ li, meta jittieħed kont tax-xorta ta' dawn u ta' ċirkostanzi speċjali li jappartjenu lil dawk il-persuni jew lil persuni ta' xi deskrizzjoni oħra bħal dik u ta' kull disposizzjoni oħra ta' din il-Kostituzzjoni, ikun raġonevolment ġustifikabbli f'soċjetà demokratika;'

Illi l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem jaqra kif isegwi:

'It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta', twelid jew statut iehor.'

Ir-rikorrent isostni li l-kundizzjoni suesposta mposta fuqu fil-permess ta' zvilupp tiddiskrimina fejn bidwi ghandu jabita jew ma ghandux jabita. Jissottometti li waqt li r-restrizzjoni dwar l-uzu tal-proprjeta tista tkun legittima, r-restrizzjoni maghmula dwar min jista' jipposjedi l-istess proprjeta' tikkrea diskriminazzjoni ghad-dannu tieghu ghaliex skont hu tirrestringi l-possibilita' li hu jkun jista' fil-futur jitrasferixxi l-proprjeta' tieghu lil kull akkwirent dispost li jixtriha ghall-uzu determinat fil-permess u cioe' ghall-uzu tal-biedja.

Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tar-rikorrent ghaliex tikkontradixxi l-kliem tal-istess 'policy' kif traspost fil-permess ta' zvilupp in kwistjoni. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel kundizzjoni mposta fil-permess ta' zvilupp tippermetti t-trasferiment tal-proprjeta' lil terzi li jikwalifikaw bhala 'arable farmer' u ghalhekk l-istess proprjeta' f'dak il-kaz tkun qed tigi appuntu trasferita ghall-uzu determinat fil-permess kif isostni l-istess rikorrent. Il-Qorti ghalhekk tqis li r-rikorrent f'dan l-ilment li jgib in-numru 7

fir-rikors guramentat tieghu jikkontradixxi l-argument tieghu stess. Appuntu l-proprjeta' ma tistax tigi trasferita lil persuna li ma tikkwalifikax bhala 'arable farmer' izda jekk tigi trasferita lil 'arable farmer' ghall-iskop permess ma hemm l-ebda limitazzjoni. Il-Qorti ghalhekk ma tara l-ebda diskriminazzjoni kif esposta mir-rikorrent.

Illi izda dwar dan l-allegat ksur tad-dritt kontra d-diskriminazzjoni l-intimati jikkontendu li l-ilment tar-rikorrent ma jaqa' taht l-ebda kategorija fil-lista ezawrjenti msemmija kemm taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-intimati. L-allegata diskriminazzjoni dwar il-limitazzjoni tat-trasferiment tal-proprjeta' lil terzi ma taqa' taht l-ebda kategorija msemmija fl-artikoli ndikati u ghalhekk certament li ma jirrizultax ksur tad-drittijiet tar-rikorrent taht dawn l-artikoli.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll l-ilment kostituzzjonali kif relatat mal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taht l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

**(c) Ir-rikorrent odjern finalment jallega wkoll ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem:**

Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta fil-partijiet rilevanti ghall-kaz odjern, stante li dan mhux kaz kriminali, jaqra kif isegwi:

'39. . . . (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.

(3) Ħlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-proċeduri kollha ta'kull qorti u l-proċeduri dwar id-deċiżjoni tal-eżistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi ċivili ta' persuna quddiem xi awtorità ġudikanti oħra, magħdud il-pronunzjament tad-deċiżjoni tal-qorti jew awtorità oħra, għandhom jinżammu fil-pubbliku.

(4) Ebda ħaġa fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu ma għandha timpedixxi lil xi qorti jew xi awtorità bħalma hija msemmija f'dak is-subartikolu milli teskludi mill-proċeduri persuni li ma jkunux il-partijiet tal-proċeduri u r-rappreżentanti legali tagħhom –

(a) fi proċeduri quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja u proċeduri oħra li, fil-prattika tal-Qrati f'Malta jiġu,jew huma tal-istess xorta bħal dawk li jiġu, deċiżi incamera;
(b) fi proċeduri skont xi liġi dwar it-taxxa fuq l-income;jew(ċ) safejn il-qorti jew awtorità oħra –
(i) tista' tqis meħtieġ jew espedjenti f'ċirkostanzi lifihom il-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessital-ġustizzja; jew
(ii) jista' jkollha setgħa jew tkun meħtieġa b'liġi li tagħmel hekk fl-interess tad-difiża, sigurtàpubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenzapubblika, il-ġid ta' persuni taħt l-età ta' tmintax-il sena jew il-protezzjoni tal-ħajja privata ta'persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri. . . .'

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem fil-parti rilevanti ghall-kaz odjern jaqra kif isegwi:

'1. . . . Fid-determinazzjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jistghu jigu eskluzi mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg li jew safejn

ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostani specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja. . . .'

Ir-rikorrent f'dan ir-rigward isostni li d-dritt ta' smigh xieraq tieghu gie lez ghaliex skont hu l-ewwel kundizzjoni mposta fil-permess ta' zvilupp gia giet dikjarata lesiva tad-drittijiet tieghu mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kif deskritt mir-rikorrent 'tribunal imparzjali u indipendenti' u ghalhekk skont ir-rikorrent iggib maghha vjolazzjoni ghad-dritt tieghu ghall-smigh xieraq.

Illi f'dawn l-atti, kif gia suespost u kif ukoll konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza precedenti wkoll suesposta datata 20 ta' Gunju tas-sena 2012, rrizulta li fejn il-Bord pronunzja ruhu dwar drittijiet fundamentali dan gie dikjarat li agixxa ultra vires u d-decizjoni tieghu giet revokata. Ghalhekk dik il-parti tad-decizjoni ghandha titqies daqs li kieku qatt ma nghatat.

Illi apparti s-suespost, rrizulta ampju mill-atti kif ezaminati, li kien nuqqas tar-rikorrent stess li qatt ma ntavola appell mill-imposizzjoni tal-ewwel kundizzjoni fil-permess ta' zvilupp u ta hadd aktar. Tul il-proceduri kollha li ssussegwew ir-rikorrent prova jaghmel tajjeb ghan-nuqqas tieghu izda ma rnexxilux. Jirrizulta lil din il-Qorti li fl-ambitu tal-proceduri quddiem il-Bord tal-Appell ir-rikorrent kellu kull jedd li, fit-terminu mpost mil-ligi u skont il-procedura dettata fl-istess ligi, jappella kontra l-imposizzjoni tal-ewwel kundizzjoni izda dan ma ghamlux. Il-Qorti ma tista' tara l-ebda lezjoni tad-dritt ghall-smigh xieraq, f'ambitu civili, la darba n-nuqqas gie mill-istess rikorrent u mhux da parti tal-Bord jew xi Qorti ohra.

Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad ukoll l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent msejjes fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem.

**Decizjoni:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi dan l-ilment kostituzzjonali kif isegwi:**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali intimat u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta' din l-eccezzjoni ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;**

**2. Tilqa' l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-Awtorita' intimata sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz u tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**Bl-ispejjez kollha mhux decizi kontra r-rikorrent.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Settembru, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Settembru, 2021**